

Il-Ġurnal Uffiċjali L 263

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 60

12 ta' Ottubru 2017

Werrej

III Atti oħrajn

ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

- ★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 295/2015 tal-11 ta' Diċembru 2015 li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim ŻEE [2017/1806] 1
- ★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 296/2015 tal-11 ta' Diċembru 2015 li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) għall-Ftehim ŻEE [2017/1807] 3
- ★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 297/2015 tal-11 ta' Diċembru 2015 li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) u l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2017/1808] 5
- ★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 298/2015 tal-11 ta' Diċembru 2015 li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) u l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2017/1809] 7
- ★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 299/2015 tal-11 ta' Diċembru 2015 li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) u l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2017/1810] 8
- ★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 300/2015 tal-11 ta' Diċembru 2015 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2017/1811] 10

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.
It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 301/2015 tal-11 ta' Diċembru 2015 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2017/1812]	11
★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 302/2015 tal-11 ta' Diċembru 2015 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2017/1813]	13
★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 303/2015 tal-11 ta' Diċembru 2015 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2017/1814]	14
★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 304/2015 tal-11 ta' Diċembru 2015 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2017/1815]	15
★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 305/2015 tal-11 ta' Diċembru 2015 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2017/1816]	16
★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 306/2015 tal-11 ta' Diċembru 2015 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) għall-Ftehim ŻEE [2017/1817]	18
★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 307/2015 tal-11 ta' Diċembru 2015 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) u l-Anness IV (Enerġija) tal-Ftehim ŻEE [2017/1818]	20
★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 308/2015 tal-11 ta' Diċembru 2015 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) u l-Anness IV (Enerġija) tal-Ftehim ŻEE [2017/1819]	23
★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 309/2015 tal-11 ta' Diċembru 2015 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) u l-Anness IV (Enerġija) tal-Ftehim ŻEE [2017/1820]	24
★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 310/2015 tal-11 ta' Diċembru 2015 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) u l-Anness IV (Enerġija) tal-Ftehim ŻEE [2017/1821]	26
★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 311/2015 tal-11 ta' Diċembru 2015 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) u l-Anness IV (Enerġija) tal-Ftehim ŻEE [2017/1822]	28
★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 312/2015 tal-11 ta' Diċembru 2015 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) u l-Anness IV (Enerġija) tal-Ftehim ta-ŻEE [2017/1823]	30

★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 313/2015 tal-11 ta' Diċembru 2015 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) u l-Anness IV (Enerġija) tal-Ftehim ŻEE [2017/1824]	31
★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 314/2015 tal-11 ta' Diċembru 2015 li temenda l-Anness IV (Enerġija) tal-Ftehim ŻEE [2017/1825]	33
★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 315/2015 tal-11 ta' Diċembru 2015 li temenda l-Anness XI (Komunikazzjoni elettronika, servizzi awdjoviżivi u soċjetà tal-informazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2017/1826]	34
★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 316/2015 tal-11 ta' Diċembru 2015 li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE [2017/1827]	35
★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 317/2015 tal-11 ta' Diċembru 2015 li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE [2017/1828]	36
★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 318/2015 tal-11 ta' Diċembru 2015 li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE [2017/1829]	37
★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 319/2015 tal-11 ta' Diċembru 2015 li temenda l-Anness XX (Ambjent) għall-Ftehim ŻEE [2017/1830]	40
★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 320/2015 tal-11 ta' Diċembru 2015 li temenda l-Anness XX (Ambjent) għall-Ftehim ŻEE [2017/1831]	41
★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 321/2015 tal-11 ta' Diċembru 2015 li temenda l-Anness XX (Ambjent) għall-Ftehim ŻEE [2017/1832]	42

III

(Atti oħrajn)

ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 295/2015

tal-11 ta' Diċembru 2015

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim ŻEE [2017/1806]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/819 tat-22 ta' Mejju 2015 li temenda l-Anness F tad-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE rigward il-format tal-mudell taċ-ċertifikati tas-saħħa għall-kummerċ ta' annimali bovini u suwini ġewwa l-Unjoni ⁽¹⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni dwar annimali ħajjin li mhumiex ħut u annimali tal-akkwakultura. Il-leġiżlazzjoni li tikkonċerna dawn il-kwistjonijiet ma tapplikax għall-Iżlanda, kif speċifikat fil-paragrafu 2 tal-Parti Introduttoria tal-Kapitolu 1 tal-Anness I tal-Ftehim ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma tapplikax għall-Iżlanda.
- (3) Din id-Deċiżjoni tirrigwarda leġiżlazzjoni dwar kwistjonijiet veterinarji. Il-leġiżlazzjoni dwar kwistjonijiet veterinarji ma tapplikax għal-Liechtenstein dment li l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli tiġi estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-adattamenti settorjali tal-Anness I tal-Ftehim ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma tapplikax għal-Liechtenstein.
- (4) L-Anness I tal-Ftehim ŻEE għandu għaldaqstant jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 1 (id-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE) fil-Parti 4.1 tal-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim ŻEE:

— **32015 D 0819:** Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/819 tat-22 ta' Mejju 2015 (ĠU L 129, 27.5.2015, p. 28)."

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/819 bil-lingwa Norveġiża, li jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fit-12 ta' Diċembru 2015, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

(¹) ĠU L 129, 27.5.2015, p. 28.

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Diċembru 2015.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Oda SLETNES

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**Nru 296/2015****tal-11 ta' Diċembru 2015****li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) għall-Ftehim ŻEE [2017/1807]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1310 tat-28 ta' Lulju 2015 li temenda l-Anness I tad-Deċiżjoni 2009/177/KE dwar l-istatus ta' mingħajr mard għat-territorju kollu tal-Kroazja fir-rigward tal-marda tal-vajrus tal-erpete tal-koi (KHV) ⁽¹⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1356 tal-4 ta' Awwissu 2015 li temenda d-Deċiżjoni 2007/453/KE fir-rigward tal-istatus tal-BSE tar-Repubblika Ċeka, ta' Franza, ta' Ċipru, tal-Liechtenstein u tal-Iżvizzera ⁽²⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.
- (3) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni rigward kwistjonijiet veterinarji. Il-leġiżlazzjoni dwar kwistjonijiet veterinarji ma tapplikax għal-Liechtenstein dment li l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli tiġi estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-adattamenti settorjali tal-Anness I tal-Ftehim ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma tapplikax għal-Liechtenstein.
- (4) L-Anness I tal-Ftehim ŻEE għandu għaldaqstant jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż segwenti jiżdied fil-punt 89 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/177/KE) fil-Parti 4.2:

“— **32015 D 1310:** Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1310 tat-28 ta' Lulju 2015 (ĠU L 200, 30.7.2015, p. 17).”

2. L-inċiż segwenti jiżdied fil-punt 49 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/453/KE) fil-Parti 7.1:

“— **32015 D 1356:** Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1356 tal-4 ta' Awwissu 2015 (ĠU L 209, 6.8.2015, p. 5).”

*Artikolu 2*It-testi tar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1310 u (UE) 2015/1356 bil-lingwa İzlandiża u b'dik Norveġiża, li jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-12 ta' Diċembru 2015, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

⁽¹⁾ ĠU L 200, 30.7.2015, p. 17.

⁽²⁾ ĠU L 209, 6.8.2015, p. 5.

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Diċembru 2015.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Oda SLETNES

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 297/2015

tal-11 ta' Diċembru 2015

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) u l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2017/1808]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/845 tas-27 ta' Mejju 2015 li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livelli massimi ta' residwu għall-azoksistrobina, klorantraniliprol, ċjantraniliprol, dikamba, difenokonażol, fenpiroksimat, fludioksonil, glufosinat tal-ammonju, imażapik, imażapir, indoksakarb, isoksaflutol, mandipropamid, pentijopirad, propikonażol, pirimetanil, spirotetramat u trineksapak f'ċerti prodotti jew fuqhom ⁽¹⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/846 tat-28 ta' Mejju 2015 li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-limiti massimi ta' residwi għall-aċetamiprid, l-ametoktradin, l-amisulbrom, il-bupirimat, il-klofenteżina, l-eteфон, l-etirimol, il-fluwopikolid, l-imażapik, il-propamokarb, il-piraklostrobin u t-taw-fluvalinat f'ċerti prodotti jew fuqhom ⁽²⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/868 tas-26 ta' Mejju 2015 li jemenda l-Annessi II, III u V tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fejn jidħlu l-livelli massimi ta' residwi għat-2,4,5-T, il-barban, il-binapakril, il-bromofos-etil, il-kamfeklor (toksafen), il-klorbufam, il-kloroksuron, il-klożolinat, id-DNOC, id-diallat, id-dinoseb, id-dinoterb, id-dioksatiġon, l-ossidu tal-etilen, l-aċetat tal-fentin, l-idrossidu tal-fentin, il-fluċikloksuron, il-fluċitrinat, il-formotijon, il-mekarbam, il-metakrifos, il-monolinuron, il-fenotrin, il-profam, il-pirazofofos, il-kinalfos, ir-resmetrina, it-teknazeen u l-vinklożolin f'ċerti prodotti jew fuqhom ⁽³⁾, kif ikkoreġt mill-ĠU L 174, 3.7.2015, p. 43, għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/896 tal-11 ta' Ġunju 2015 li jemenda l-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-livelli massimi ta' residwu għat-*Trichoderma polysporum* ir-razza IMI 206 039, it-*Trichoderma asperellum* (qabel *T. harzianum*) ir-razez ICC012, T25 u TV1, it-*Trichoderma atroviride* (qabel *T. harzianum*) ir-razez IMI 206 040 u T11, it-*Trichoderma harzianum* ir-razez T-22 u ITEM 908, it-*Trichoderma gamsii* (qabel *T. viride*) ir-razza ICC080, it-*Trichoderma asperellum* (ir-razza T34), it-*Trichoderma atroviride* r-razza I-1237, il-ġeranjol, it-timol, is-sukrożju, is-sulfat ferriku (Sulfat (III) tal-ħadid), is-sulfat ferruż (Sulfat (II) tal-ħadid) u l-aċidu foliku f'ċerti prodotti jew fuqhom ⁽⁴⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (5) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni dwar l-għalf u prodotti alimentari. Il-leġiżlazzjoni dwar l-għalf u prodotti alimentari ma tapplikax għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli tkun estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-adattamenti settorjali fl-Anness I u fl-introduzzjoni għall-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma tapplikax għal-Liechtenstein.
- (6) L-Annessi I u II tal-Ftehim ŻEE għandhom għaldaqstant jiġu emendati skont dan,

⁽¹⁾ ĠU L 138, 4.6.2015, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 140, 5.6.2015, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 145, 10.6.2015, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 147, 12.6.2015, p. 3.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inċiżi li ġejjin jiżiedu mal-punt 40 (ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu II tal-Anness I tal-Ftehim ŻEE:

- “— **32015 R 0845**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/845 tas-27 ta' Mejju 2015 (ĠU L 138, 4.6.2015, p. 1),
- **32015 R 0846**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/846 tat-28 ta' Mejju 2015 (ĠU L 140, 5.6.2015, p. 1),
- **32015 R 0868**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/868 tas-26 ta' Mejju 2015 (ĠU L 145, 10.6.2015, p. 1),
- **32015 R 0896**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/896 tal-11 ta' Ġunju 2015 (ĠU L 147, 12.6.2015, p. 3).”

Artikolu 2

L-inċiżi li ġejjin jiżiedu mal-punt 54zzy (ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE:

- “— **32015 R 0845**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/845 tas-27 ta' Mejju 2015 (ĠU L 138, 4.6.2015, p. 1),
- **32015 R 0846**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/846 tat-28 ta' Mejju 2015 (ĠU L 140, 5.6.2015, p. 1),
- **32015 R 0868**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/868 tas-26 ta' Mejju 2015 (ĠU L 145, 10.6.2015, p. 1),
- **32015 R 0896**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/896 tal-11 ta' Ġunju 2015 (ĠU L 147, 12.6.2015, p. 3).”

Artikolu 3

It-testi tar-Regolamenti (UE) 2015/845, (UE) 2015/846, (UE) 2015/868 u (UE) 2015/896 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-12 ta' Diċembru 2015, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Diċembru 2015.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Oda SLETNES

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 298/2015

tal-11 ta' Diċembru 2015

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) u l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2017/1809]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu, Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1040 tat-30 ta' Ġunju 2015 li jemenda l-Annessi II, III u V tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwu għall-ażossistrobina, id-dimossistrobina, il-flurossipir, il-metossifenożid, il-metrafenon, l-oksadiargil u t-tribenuron f'ċerti prodotti jew fuqhom ⁽¹⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni dwar l-għalf u l-prodotti alimentari. Il-leġiżlazzjoni dwar l-għalf u l-prodotti alimentari ma tapplikax għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli tkun estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-adattamenti settorjali fl-Anness I u fl-introduzzjoni għall-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma tapplikax għal-Liechtenstein.
- (3) L-Annessi I u II tal-Ftehim ŻEE għandhom għaldaqstant jiġu emendati skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inċiż segwenti jiżdied fil-punt 40 (ir-Regolament (KE) Nru 396/2005) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu II tal-Anness I tal-Ftehim ŻEE:

— **32015 R 1040:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1040 tat-30 ta' Ġunju 2015 (ĠU L 167, 1.7.2015, p. 10)."

Artikolu 2

L-inċiż segwenti jiżdied fil-punt 54zzy (ir-Regolament (KE) Nru 396/2005) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE:

— **32015 R 1040:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1040 tat-30 ta' Ġunju 2015 (ĠU L 167, 1.7.2015, p. 10)."

Artikolu 3

It-testi tar-Regolament (UE) 2015/1040 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fit-12 ta' Diċembru 2015, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Diċembru 2015.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Oda SLETNES

(¹) ĠU L 167, 1.7.2015, p. 10.

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 299/2015

tal-11 ta' Diċembru 2015

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) u l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2017/1810]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1101 tat-8 ta' Lulju 2015 li jemenda l-Annessi II u III għar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għad-difenokonażol, il-fluwopikolid, il-fluwopiram, l-isopirazam u l-pendimentalina f'ċerti prodotti jew fuqhom ⁽¹⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1200 tat-22 ta' Lulju 2015 li jemenda l-Annessi II u III għar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għall-amidosulfuron, il-fenezammid, il-kresoksim-metil, it-tijakloprid u t-trifloksistrobina f'ċerti prodotti jew fuqhom ⁽²⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (3) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni dwar l-għalf u l-prodotti alimentari. Il-leġiżlazzjoni dwar l-għalf u l-prodotti alimentari ma tapplikax għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli tkun estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-adattamenti settorjali fl-Anness I u fl-introduzzjoni għall-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma tapplikax għal-Liechtenstein.
- (4) Għalhekk, l-Annessi I u II tal-Ftehim ŻEE għandhom jiġu emendati skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inċiżi li ġejjin jiżdiedu mal-punt 40 (ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu II tal-Anness I tal-Ftehim ŻEE:

— **32015 R 1101:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1101 tat-8 ta' Lulju 2015 (ĠU L 181, 9.7.2015, p. 27).

— **32015 R 1200:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1200 tat-22 ta' Lulju 2015 (ĠU L 195, 23.7.2015, p. 1)."

Artikolu 2

L-inċiżi li ġejjin jiżdiedu mal-punt 54zzy (ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE:

— **32015 R 1101:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1101 tat-8 ta' Lulju 2015 (ĠU L 181, 9.7.2015, p. 27),

— **32015 R 1200:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1200 tat-22 ta' Lulju 2015 (ĠU L 195, 23.7.2015, p. 1)."

Artikolu 3

It-testi tar-Regolamenti (UE) 2015/1101 u (UE) 2015/1200 bil-lingwa İzlandiża u b'dik Norveġiża, li jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

⁽¹⁾ ĠU L 181, 9.7.2015, p. 27.

⁽²⁾ ĠU L 195, 23.7.2015, p. 1.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fis-12 ta' Diċembru 2015, bil-kundizzjoni li jkun saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Diċembru 2015.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Oda SLETNES

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**Nru 300/2015****tal-11 ta' Diċembru 2015****li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2017/1811]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu, Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1609 tal-24 ta' Settembru 2015 li japprova l-propikonażol bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 7 ⁽¹⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1610 tal-24 ta' Settembru 2015 li japprova s-sustanza *Pythium oligandrum* tar-razza M1 bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 10 ⁽²⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (3) Għalhekk, l-Anness II tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-punti li ġejjin jiddaħħlu wara l-punt 12nne (id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/655) tal-Kapitolu XV tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE:

"12nnf. **32015 R 1609**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1609 tal-24 ta' Settembru 2015 li japprova l-propikonażol bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 7 (ĠU L 249, 25.9.2015, p. 17).

12nng. **32015 R 1610**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1610 tal-24 ta' Settembru 2015 li japprova s-sustanza *Pythium oligandrum* tar-razza M1 bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 10 (ĠU L 249, 25.9.2015, p. 20)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1609 u (UE) 2015/1610 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fit-12 ta' Diċembru 2015, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Diċembru 2015.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Oda SLETNES

⁽¹⁾ ĠU L 249, 25.9.2015, p. 17.

⁽²⁾ ĠU L 249, 25.9.2015, p. 20.

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 301/2015

tal-11 ta' Diċembru 2015

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE
[2017/1812]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1726 tat-28 ta' Settembru 2015 li japprova t-2-metilisotijażol-3(2H)-on bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 13 ⁽¹⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1727 tat-28 ta' Settembru 2015 li japprova s-sustanza 5-Kloro-2-(4-klorofenossi)fenol bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 1, 2, u 4 ⁽²⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1728 tat-28 ta' Settembru 2015 li japprova s-sustanza IPBC bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 13 ⁽³⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (4) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1729 tat-28 ta' Settembru 2015 li japprova l-potassju sorbat bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 8 ⁽⁴⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (5) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1730 tat-28 ta' Settembru 2015 li japprova l-perossidu tal-idroġenu bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tipi 1, 2, 3, 4, 5 u 6 ⁽⁵⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (6) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1731 tat-28 ta' Settembru 2015 li japprova l-medetomidin bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 21 ⁽⁶⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (7) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1736 tat-28 ta' Settembru 2015 li ma tapprovax it-triflumuron bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 18 ⁽⁷⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.
- (8) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1737 tat-28 ta' Settembru 2015 li tipposponi l-iskadenza tal-approvazzjoni tal-bromadijolon, tal-klorofacinon u tal-kumatetralil għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 14 ⁽⁸⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (9) Għalhekk, l-Anness II tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-punti li ġejjin jiddaħħlu wara l-punt 12nng (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1610) tal-Kapitolu XV tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE:

"12nnh. **32015 R 1726:** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1726 tat-28 ta' Settembru 2015 li japprova t-2-metilisotijażol-3(2H)-on bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 13 (ĠU L 252, 29.9.2015, p. 14).

⁽¹⁾ ĠU L 252, 29.9.2015, p. 14.

⁽²⁾ ĠU L 252, 29.9.2015, p. 17.

⁽³⁾ ĠU L 252, 29.9.2015, p. 21.

⁽⁴⁾ ĠU L 252, 29.9.2015, p. 24.

⁽⁵⁾ ĠU L 252, 29.9.2015, p. 27.

⁽⁶⁾ ĠU L 252, 29.9.2015, p. 33.

⁽⁷⁾ ĠU L 252, 29.9.2015, p. 56.

⁽⁸⁾ ĠU L 252, 29.9.2015, p. 58.

- 12nni. **32015 R 1727:** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1727 tat-28 ta' Settembru 2015 li japprova s-sustanza 5-Kloro-2-(4-klorofenossi)fenol bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tipi 1, 2 u 4 (ĠU L 252, 29.9.2015, p. 17).
- 12nnj. **32015 R 1728:** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1728 tat-28 ta' Settembru 2015 li japprova IPBC bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 13 (ĠU L 252, 29.9.2015, p. 21).
- 12nnk. **32015 R 1729:** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1729 tat-28 ta' Settembru 2015 li japprova l-potassju sorbat bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 8 (ĠU L 252, 29.9.2015, p. 24).
- 12nnl. **32015 R 1730:** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1730 tat-28 ta' Settembru 2015 li japprova l-perossidu tal-idroġenu bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tipi 1, 2, 3, 4, 5 u 6 (ĠU L 252, 29.9.2015, p. 27).
- 12nnm. **32015 R 1731:** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1731 tat-28 ta' Settembru 2015 li japprova l-medetomidin bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 21 (ĠU L 252, 29.9.2015, p. 33).
- 12nnn. **32015 D 1736:** Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1736 tat-28 ta' Settembru 2015 li ma tapprovax it-triflumuron bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 18 (ĠU L 252, 29.9.2015, p. 56).
- 12nno. **32015 D 1737:** Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1737 tat-28 ta' Settembru 2015 li tipposponi l-iskadenza tal-approvazzjoni tal-bromadijolon, tal-klorofacinon u tal-kumatetralil għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 14 (ĠU L 252, 29.9.2015, p. 58)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1726, (UE) 2015/1727, (UE) 2015/1728, (UE) 2015/1729, (UE) 2015/1730, (UE) 2015/1731 u tad-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1736 u (UE) 2015/1737, bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhon ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-12 ta' Diċembru 2015, dejjem jekk ikunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Diċembru 2015.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Oda SLETNES

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 302/2015

tal-11 ta' Diċembru 2015

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE
[2017/1813]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,
Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1751 tad-29 ta' Settembru 2015 dwar it-termini u l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni ta' prodott bijoċidali li fih il-bromadjolon imressqa mir-Renju Unit skont l-Artikolu 36 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Għalhekk, l-Anness II tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-punt li ġej jiżdied wara l-punt 12nno (id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1737) tal-Kapitolu XV tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE:

"12nnp. **32015 D 1751:** Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1751 tad-29 ta' Settembru 2015 dwar it-termini u l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni ta' prodott bijoċidali li fih il-bromadjolon imressqa mir-Renju Unit skont l-Artikolu 36 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 256, 1.10.2015, p. 15)."

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1751 bil-lingwa İzlandiża u b'dik Norveġiża, li jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fit-12 ta' Diċembru 2015, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Diċembru 2015.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Oda SLETNES

⁽¹⁾ ĠU L 256, 1.10.2015, p. 15.

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**Nru 303/2015****tal-11 ta' Diċembru 2015****li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE
[2017/1814]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,
Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1221 tal-24 ta' Lulju 2015 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, biex dan jiġi addattat għall-progress tekniku u xjentifiku⁽¹⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Għalhekk, l-Anness II tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej jizjed mal-punt 12zze (ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu XV tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE:

“— **32015 R 1221**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1221 tal-24 ta' Lulju 2015 (ĠU L 197, 25.7.2015, p. 10).”

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (UE) 2015/1221 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-12 ta' Diċembru 2015, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Diċembru 2015.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Oda SLETNES

⁽¹⁾ ĠU L 197, 25.7.2015, p. 10.

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**Nru 304/2015****tal-11 ta' Diċembru 2015****li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2017/1815]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu, Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1392 tat-13 ta' Awwissu 2015 li japprova s-sustanza bażika fruttożju f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011⁽¹⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Għalhekk, l-Anness II tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kapitolu XV tal-Anness II għall-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej jiżdied mal-punt 13a (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011):

“— **32015 R 1392:** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1392 tat-13 ta' Awwissu 2015 (ĠU L 215, 14.8.2015, p. 34).”

2. Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 13zzzzzh (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1295):

“13zzzzzi. **32015 R 1392:** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1392 tat-13 ta' Awwissu 2015 li japprova s-sustanza bażika fruttożju f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L 215, 14.8.2015, p. 34).”

*Artikolu 2*It-testi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1392 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fit-12 ta' Diċembru 2015, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

*Artikolu 4*Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Diċembru 2015.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Oda SLETNES

⁽¹⁾ ĠU L 215, 14.8.2015, p. 34.

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 305/2015

tal-11 ta' Diċembru 2015

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE
[2017/1816]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1396 tal-14 ta' Awwissu 2015 li jkkoreġi r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tas-sustanza attiva *Bacillus subtilis* (Cohn 1872) tar-razza QST 713, li hija identika għar-razza AQ 713 ⁽¹⁾ għandu jiġi inkorporat fir-Regolament ŻEE.
- (2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1397 tal-14 ta' Awwissu 2015 li jġedded l-approvazzjoni tas-sustanza attiva florasulam f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 ⁽²⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (3) Għalhekk, l-Anness II tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kapitolu XV tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiżi li ġejjin jiġu miżjuda mal-punt 13a (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011):

— **32015 R 1396:** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1396 tal-14 ta' Awwissu 2015 (ĠU L 216, 15.8.2015, p. 1),

— **32015 R 1397:** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1397 tal-14 ta' Awwissu 2015 (ĠU L 216, 15.8.2015, p. 3)."

2. Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 13zzzzzi (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1392):

"13zzzzzj. **32015 R 1397:** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1397 tal-14 ta' Awwissu 2015 li jġedded l-approvazzjoni tas-sustanza attiva florasulam f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L 216, 15.8.2015, p. 3)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1396 u (UE) 2015/1397 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fit-12 ta' Diċembru 2015, bil-kundizzjoni li jkun saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

⁽¹⁾ ĠU L 216, 15.8.2015, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 216, 15.8.2015, p. 3.

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Diċembru 2015.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Oda SLETNES

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**Nru 306/2015****tal-11 ta' Diċembru 2015****li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) għall-Ftehim ŻEE [2017/1817]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 251/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, it-tikkettar, u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-prodotti tal-inbid aromatizzati u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1601/91 ⁽¹⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Ir-Regolament (UE) Nru 251/2014 iħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1601/91 ⁽²⁾, li huwa inkorporat fil-Ftehim ŻEE u li konsegwentement għandu jiġi mħassar skont il-Ftehim ŻEE.
- (3) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni dwar xorb spirituż. Il-leġiżlazzjoni li tikkonċerna x-xorb spirituż ma tapplikax għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli hija estiża għal-Liechtenstein, kif inhu speċifikat fl-introduzzjoni għall-Kapitolu XXVII tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma tapplikax għal-Liechtenstein.
- (4) Għalhekk, l-Anness II tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kapitolu XXVII tal-Anness II għall-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Dan li ġej jiddaħħal wara l-punt 9a (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 716/2013):

"9b. **32014 R 0251**: Ir-Regolament (UE) Nru 251/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, it-tikkettar u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-prodotti tal-inbid aromatizzati u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1601/91 (ĠU L 84, 20.3.2014, p. 14).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

L-Istati tal-EFTA għandhom ikunu mistiedna li jibagħtu l-osservaturi tagħhom għal-laqgħat tal-Kumitat dwar il-prodotti tal-inbid aromatizzati, kif hemm imsemmi fl-Artikolu 34, li jittratta kwistjonijiet li jaqgħu fi ħdan atti li hemm referenza għalihom fil-Ftehim. Ir-rappreżentanti tal-Istati tal-EFTA għandhom jipparteċipaw bis-sħiħ fix-xogħol tal-Kumitat, iżda mhux se jkollhom id-dritt li jivvutaw."

2. It-test tal-punt 3 (ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1601/91) jitħassar.

*Artikolu 2*It-testi tar-Regolament (UE) Nru 251/2014 bil-lingwa İzlandiża u b'dik Norveġiża, li jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.⁽¹⁾ ĠU L 84, 20.3.2014, p. 14.⁽²⁾ ĠU L 149, 14.6.1991, p. 1.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fit-12 ta' Diċembru 2015, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Diċembru 2015.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Oda SLETNES

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 307/2015

tal-11 ta' Diċembru 2015

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) u l-Anness IV (Enerġija) tal-Ftehim ŻEE [2017/1818]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 617/2013 tas-26 ta' Ġunju 2013 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti għall-ekodisinn għall-kompjuters u s-servers informatiċi ⁽¹⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 665/2013 tat-3 ta' Mejju 2013 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tikkettar enerġetiku tal-vacuum cleaners ⁽²⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 666/2013 tat-8 ta' Lulju 2013 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għal vacuum cleaner ⁽³⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (4) L-Annessi II u IV tal-Ftehim ŻEE għandhom għalhekk jiġu emendati skont dan,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kapitolu IV tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE huwa emendat kif ġej:

1. Il-punt li ġej huwa mdaħħal wara l-punt 4m (Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 626/2011):

"4n. **32013 R 0665**: Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 665/2013 tat-3 ta' Mejju 2013 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tikkettar enerġetiku tal-vacuum cleaners (ĠU L 192, 13.7.2013, p. 1)."

2. Dan li ġej jiżdied mal-punt 6d (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 327/2011):

“, kif emendant minn:

— **32013 R 0666**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 666/2013 tat-8 ta' Lulju 2013 (ĠU L 192, 13.7.2013, p. 24)."

3. Il-punti li ġejjin jiddaħħlu wara l-punt 6h (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 548/2014):

"6i. **32013 R 0617**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 617/2013 tas-26 ta' Ġunju 2013 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward għall-ekodisinn għall-kompjuters u s-servers informatiċi (ĠU L 175, 27.6.2013, p. 13).

6j. **32013 R 0666**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 666/2013 tat-8 ta' Lulju 2013 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-vacuum cleaners (ĠU L 192, 13.7.2013, p. 24)."

⁽¹⁾ ĠU L 175, 27.6.2013, p. 13.

⁽²⁾ ĠU L 192, 13.7.2013, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 192, 13.7.2013, p. 24.

4. L-inċiż li ġej jżdied mal-punt 8 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1275/2008):

“— **32013 R 0617**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 617/2013 tas-26 ta' Ġunju 2013 (ĠU L 175, 27.6.2013, p. 13).”

5. Dan li ġej jżdied mal-punt 12 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 278/2009):

“, kif emendant minn:

